MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2012

Rikors Numru. 118/2012

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta :

Illi l-partijiet izzewwgu fit-30 ta’ April, 2000 u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal.

Illi l-partijiet ilhom separati legalment b’kuntratt datat 15 ta’ Dicembru 2003 fl-atti tan-Nutar Joseph Debono (Dok A).

Illi m’hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom disa (9) snin mifrudin, illum ir-rikorrent ghandu rabta ma persuna ohra li minnha sahansitra ghandu tifel.

Illi kif jidher mill-kuntratt ta' separazzjoni il-partijiet kienu iddikjaraw li ddekadew mid-dritt li jircievu manteniment minghand xulxin.

Illi l-fatti kollha fuq imsemmija jissodisfaw l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien prefiss ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimata illi giet ikkonfermat minnha permezz ta' dikjarazzjoni solenni, li in forza taghha hija eccepiet :

Illi referibbilment mar-rikors ipprezentat minn AB li huma ilhom separati legalment ghal iktar minn erba' snin, u li ma hemmx lok ghal rikonciljazzjoni;

Tikkonferma u taqbel li ma hemmx manteniment dovut lilha stante li l-partijiet kienu irrinunzjaw ghad-dritt taghhom li jitolbu manteniment minghand xulxin;

Illi ghalhekk ma topponix ghat-talba stante li jezistu l-elementi rikjesti mill-Artikolu 66B tal-Kodici Civili ta' Malta sabiex jigi ippronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet;

Ghaldaqstant hi taqbel mat-talbiet bl-ispejjez kontra l-attur;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Marzu, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lir-rikorrenti jixhed;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi irnexxielu jipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mill-15 ta’ Dicembru 2003 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi miz-zwieg ma twieldux tfal u illi ma hemm l-ebda manteniment dovut minnu lill-intimata;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------